DATA/DATI TAL-AWDIZZJONI .................................... ĦINIJIET ................. POST: ..............................................

ISEM TAL-PRODUZZJONI .....................................  DATA/DATI ........................................

DIRETTUR/REĠISTA: ................................

*Notamenti*

## GĦASFUR TAĊ-ĊOMB

*2 Att, 1 Xena, p.72 (F)*

### ELEN

**TGĦID LI TRID.**

Tgħid li trid. U xi tridha tgħid is-Sa Petronja, Ma? Dak li dejjem qalet – dak li jgħid kulħadd. Int – int ma tafx, Ma. Jien naf in-nies – jien li kuljum ikolli ninżel fosthom...

Għaliex taħseb li x-xirja dejjem hekk miżera? Għaliex il-frott dejjem imħassar, il-ħaxix niexef, il-laħam imqadded – qatt ħobża friska? Nipprova kieku dejjem immur meta ma jkunx hemm nies – meta jwarrbu. Għax ukoll narahom biss ikessħuli demmi – miġbura madwar tal-ħaxix, jimbuttaw, itaqtqu u jqabbżu, qishom dud iserrpu madwar wurdiena mejta – u lsienhom itaqtaq, għajnejhom joqtlu, u jgħajtu u jimbuttaw... Meta sa fl-aħħar insib il-kuraġġ nersaq, ikolli nitqanna b'li nsib – bil-fdal li jħalluli.

Imma l-agħar hija dik is-sikta li taqa' – dik is-sikta trid tisma', Ma – is-sikta li taqa' malli nersaq jien, demmi kiesaħ, imnifsejja fgati... X'taħseb li jistgħu jgħidu agħar mis-skiet tosku li ngħum fih kuljum hemm isfel? Mela ħalliha tgħid lis-Sa Petronja, Ma – ħalliha tgħid li trid. Xejn ma jista' jkun agħar. U keċċiha lil Petra. Tal-anqas lilha. *(158)*

| | | |
|---|---|---|
| **ĦIN** | MASSIMU ............ | MINIMU ............. |
| **PROPS** | ............................................................... | |
| **VIS Á VIS** | LE ☐ | IVA ☐ = .............................. |
| **SILTA** | DRAMMATIKA, KOMIKA, KANTATA, ŻFIN. | |

PDF p.72